MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2011

Numru. 215/2009

**Il-Pulizija**
**[Spettur Fabian Fleri]**

**vs**

**Dolores Cutajar**

Kumpilazzjoni Numru 215/2009

**Illum 20 ta' Gunnju 2011**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Dolores Cutajar, ta' 37 sena, bint Anthony u Matilda nee' Gatt, imwielda Senglea, nhar is-06 ta' Settembru, 1971 u residenti fil-fond 272, Triq iz-Zewg Mini, Isla u detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 442871(M).

Akkuzata talli fil-21 ta' Frar, 2009, ghal habta ta' bejn 15:00hrs u 15:30hrs, gewwa 272, Triq iz-Zewg Mini, Isla, volontarjament hebbet ghal persuna ta' Amy Bartolo ta' 15 il-sena li hija bintha u tat bidu ghall-ezekuzzjoni ta' delitt liema delitt ta' ferita gravi ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghha.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebbiet ghall-persuna ta' Amy Bartolo ta' 15 il-sena, li hija bintha b'oggett iebes u cioe' lasta tal-hadid u kkagunatielha griehi ta' natura hafifa skond ma iccertifikat Dr.Camilleri mill-Isptar Mater Dei;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, gabet ruhha b'tali mod li kkagunat lil haddiehor biza' li ser tintuza vjolenza, meta hi kienet taf jew missa kienet taf li, b'tali mgieba taghha, ser tikkaguna lil haddiehor biza'

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kisret il-paci pubblika b'ghajjat, storbju u glied.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi waqt li kellha il-jedd li twiddeb harget barra mill-qies.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzata ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat l-artikoli 41(1)(a), 214, 216, 221, 251B, 338(dd) u 339(1)(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-fatti ma tantx hemm kontestazzjoni u jirrizultaw ampjament.

Illi jirrizulta li fil-gurnata in ezami inqala argument bejn l-imputata u bintha, il-parte leza Amy Bartolo. Dan kien wiehed f'sensiela ta' argumenti li apparentement regolarment jinqalghu bejnithom ghaliex Amy mhux biss ma tantx tobdi lill ommha u taghmel ta' rasha imma l-agir taghha huwa diskutibbli f'diversi aspetti. F'l-argument mertu ta' dawn il-proceduri d-diskussjoni ta' bejn l-imputata u bintha spiccat iddegenerat f'wahda fizika meta l-imputata fir-rabja li kellha konfrontata b'l-agir ta' bintha hebbet ghaliha u tatha kemm daqqiet ta' ponn, daqqiet ta' sieq u anke daqqiet b'lasta; Amy kellha anke gidma fuq saqajha. Jirrizulta ukoll li waqt li l-imputata kienet qed taghti dawn id-daqqiet lil Amy dahlet fil-kamra fejn kienu bintha ohra ferm izghar minn Amy u kien d-diskors ta' din bintha li waqqaf lill-imputat milli tkompli tagreddixxi lil Amy.

Illi fortunatament dan is-swat ma kellux konsegwenzi serji fis-sens li rrizulta biss f' xi dbengil u grif, minbarra il-marka tal-gidma. Dawn il-griehi fil-fatt gew klassifikati bhal griehi ta' natura hafifa mill-tobba li ezaminaw lil Amy inkluz it-tabib nominat mill-Qorti.

Illi fil-verita l-imputata mhiex qed tikkontesta dawn il-fatti li jirrizultaw ukoll mhux biss mill-istqarrija taghha imma anke mid-depozizzjoni taghha quddiem din il-Qorti meta hi minn jeddha ghazlet li tikkonferma b'gurament il-kontenut kollu ta'l-istqarrija taghha.

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata huma hamsa: attentat ta' offieza gravi fuq il-persuna ta' Amy Bartolo; offieza hafifa fuq Amy Bartolo;  li kkawzat lil Amy Bartolo bizgha li ser tintuza vjolenza kontra taghha; ksur tal-paci pubblika; u twiddieb barra mill-qies.

Illi fil-fehma tal-Qorti u tenut kont ta' l-assjem tal-provi m'hemmx dubbju li f'dan l-incident l-imputata hebbet ghal bintha u bhala rizultat tal-vjolenza perpetrata mill-imputata bintha soffriet il-griehi (ta' natura hafifa) li gew rappurtati

dettaljatment minn Dr Mario Scerri. Tenut kont ta’ dan il-Qorti hija sodisfatta li t-tieni, ir-raba u l-hames imptazzjoni gew sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar l-ewwel imputazzjoni ghandu jinghad ab inizio li m’ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li r-reat ta’ tentattiv ta’ ferita gravi jew ferita gravissima jezisti.

Illi Francesco Antolisei jghid hekk dwar dan ir-reat:

*Quanto al tentattivo la nostra concezione porta ad ammettere che possa verificarsi anche nei confonti della lesione grave e della lesione gravissima.*

*Che dal punto di vista naturalistico un tale tentattivo sia ipotizabbile non e dubbio e per convincersene basta pensare al caso … dell’individio che getta del vetriolo contro una persona col preciso intento di sfegiarla, senza riuscire a colpirla nel viso.*[1]

Illi dan il-principju gie riaffermat fil-gurisprudenza taghna diversi drabi. Il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali (Superjuri) qalet hekk fuq dan il-bran hawn fuq kwotat u fuq ir-reat ta’ tentattiv ta’ ferita gravi:

*Din il-Qorti tara li dan il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accettata mill-Qrati tal-Gustizja Kriminali taghna u cioe li jista jkollok tentattiv ta’ offiza gravi jew gravissima purche jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda minn dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew gravissima skond il-kaz.*[2]

Illi b’ applikazzjoni ta’ dawn il-principji ghall-kaz in ezami dak li ghandu jigi stabbilit huwa jekk l-imputata kellha l-intenzjoni specifika li tikkaguna xi wahda mill-konsegwenzi ta’l-offiza gravi. Jekk kienx hemm din l-intenzjoni jew le hija hija kwistjoni ta’ fatt rimessa ghall-gudizzju tal-Qorti billi tiehu kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz fosthom tan-

[1] Ref Manuele di Diritto Penale Parte Speciale 1 Pagna 79
[2] Ref Repubblika ta’ Malta vs Domenic Briffa deciz 16 ta’ Otrtubru 2003

natura ta'l-istrument uzat u tal-parti tal-gisem li lejha kien indirizzat dak l-istrument.[3]

Illi mill-provi (u b'mod partikolari dak li tghid l-imputata stess) jirrizulta li meta l-imputata rat il-kamra tat-tifla kienet ta' taht fuq "intlift dak il-hin u bdejt intiha b'idejja, minghalija bil-ponn". Meta immedjatament wara l-imputata ndunat li bintha (minorenni) kienet ghamlet kuntratt mal-Go "bdejt nigri warajha fit-tarag u bdejt intiha bil-ponn, bic-catt u bis-sieq". L-incident ma waqafx hemm l-imputata baqghet tigri wara bintha fid-dar, spiccaw fil-kamra tal-banju u hemm qabdet lasta tal-metall (lasta tal-mop) u bdiet ittiha biha. F'dan ir-rigward wiehed ghandu jzomm f'mohhu ukoll li l-imputata hija suldat mal-forzi armati ta' Malta u hadet stharrig anke f'unarmed combat. Kien biss meta dahlet bintha iz-zghira (ta' tlett snin) u qaltilha "mummy jiena brava" li l-imputata waqfet tagredixxi lil Amy u telqghet 'l barra mid-dar; pero qabel telqet tefghet il-lasta lejn Amy. Ta' certa relevanza ukoll huwa il-fatt li m'hemm l-ebda accenn (lanqas da parti ta'l-imputata) li Amy jew pruvat tirritalja ghall-agir ta' ommha jew li b'xi mod refghet idejja hi fuq ommha imqar biex jiddefendi lilha niffisha.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti huwa car mhux biss li l-imputata waqfet mill-attakk taghha fuq Amy minhabba l-intervent, ghalkemm inkonxju imma tempestiv, ta' oht Amy, imma huwa car ukoll li l-mezzi adoperati (daqqiet ta' ponn u sieq u daqqiet b'lasta tal-metall) setghu ikkawzaw feriti gravi fuq il-persuna ta'bintha Amy.

Illi l-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li minn dan il-kwadru ta' fatti wiehed jista minghajr dubbji ragonevoli jasal ghall-konkluzzjoni li l-imputat kienet iffurmat l-intenzjoni specifika li tikkawza griehi gravi fuq il-persuna ta' bintha Amy u li ghalhekk l-ewwel imputazzjoni hija pruvata ukoll.

Illi dwar it-tielet imputazzjoni huwa ormai ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna li biex jissussisti r-reat hemm

[3] Ref Pulizija vs Mariano sive Mario Camilleri (Appell Kriminali Inferjuri) deciz 8 ta' Frar 2002

indikat jehtieg li l-agir offensiv irid ikun ripetut. Quddiem din il-Qorti tressqu biss provi dwar dak li gara f'incident uniku kwotat fic-citazzjoni. Konsegwentement din it-tielet imputazzjoni ma gietx pruvata.

Illi dwar il-piena hemm diversi fatturi x'jittiehdu in konsiderazzjoni. Zgur li l-aktar fattur importanti huwa n-natura tar-reati li taghom qed tinstab hatja l-imputata; zgur li hadd m'ghandu jiddubieta li l-vjolenza qatt m'hi accetabbli. Min-naha l-ohra wiehed irid jiehu in konsiderazzjoni wkoll ic-cirkostanzi ta' din il-familja u anke l-agir negattiv tal-parte leza b'mod generali kif ukoll l-agir esasperanti taghha fil-konfront ta' ommha l-imputata. Fattur iehor importanti hu li jidher li pendente lite kien hemm kambjament pozittiv mhux biss fil-komportament ta' Amy imma anke fir-relazzjoni ta' bejn l-imputata u bintha. Tenut kont ta' dan, tenut kont tal-fedina penali netta ta'l-imputata, u tenut kont ta' l-effetti li jista' jkollu l-mod kif din il-Qorti ser titratta ma'l-imputat mhux biss fuq l-impjieg taghha imma anke fuq ir-relazzjoni li donna qed tigi ristabbilita bejn il-partijiet koncernati u konsegwentement anke fuq l-agir ta' Amy, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tapplika fil-konfront ta'l-imputata l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li ma ssibx lill-imputata hatja tat-tielet imputazzjoni u tilliberaha minnha, wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 214, 216, 221, 338(dd) u 339(1)(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat hatja ta'l-imputazzjonijiet l-ohra jkollha migjuba kontra taghha u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tmintax il-xahar u tikkundannaha thallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' €92.57 rapprezentanti spejjez rinkorsi in konnessjoni mal-hatra ta' esperti; il-hlas ghandu jsir fi zmien xahar.

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk tikkommetti reat iehor fi zmien tmintax il-xahar.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------